

1920-2010
90 Sena Soċjetà



# Il-Lunzjata fl-Arti f'Ħal Għaxaq

Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M.ED



Ħal Għaxaq hu wieħed mill-irħula li hu sinjur fejn jidħol il-kult tal-Lunzjata. Jekk wieħed iżur il-knisja parrokkjali ssib li wieħed mill-altari hu dedikat lil-Lunzjata. Il-bidu ta' din d-devozzjoni kien Andrea Agius. Fit-2 ta' Frar, 1615, Andrea Agius ħalla somma ta' flus biex tibda tiġi ċċelebrata l-festa ta' Marija Annunzjata fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Din il-festa bdiet issir fuq l-altar ta' San Ġużepp. Fl-1743 il-kult ta' Marija Annunzjata għamel pass 'il quddiem. Din id-darba Ġużeppi Tabone waqqaf altar iddedikat lil-Lunzjata f'din il-knisja. Il-festa tagħha bdiet issir issa fuq dan l-altar. Kult marjan iġib miegħu bċejjeċ tal-altari. X'hemm artistiku fejn jidħol il-kult ta' Marija Annunzjata f'din il-knisja parrokkjali?



## L-altar

F'din il-knisja ddedikata lil Marija Assunta jew aħjar Santa Marija, insib żewġ kwadri tassew interessanti. Wieħed hu qadim u dan jinsab iżejjen l-altar iddedikat lil Marija Annunzjata u l-ieħor jinsab iżejjen parti mis-saqaf ta' din il-knisja. L-ewwel ser naraw il-pittura li tinsab fuq l-altar. L-artist ta' din il-biċċa xogħol mhux magħruf.

Il-pittura turi l-figuri tradizzjonali li wieħed jistenna biċċa xogħol artistika fejn tidħol il-Lunzjata. L-inkwatru jista' jinqasam fi tnejn. Hemm il-parti ta' fuq li jippreżenta l-ġenna u t-tieni parti jew il-parti t'isfel li qed jippreżenta d-dinja. Il-Madonna tinsab għarkopptejha, titlob b'ktieb miftuħ quddiemha. Biswitha hemm żewġ anġli fl-art. Dawn qed jiftħu ċestun tal-qasab u qed jammiraw il-biċċiet bojod li jinsab f'dan il-ċestun. Dawn l-anġli għandhom tifsira kbira. Juri li s-sema niżlet fl-art. Juri li x-xebba se jkollha aħbar mhux tas-soltu. Hemm xi ħaġa sopranaturali għaddejja.

Il-parti ta' fuq juri l-anġlu Gabriel. Dan l-anġlu jinsab quddiem Marija. Jinsab ħiereġ minn dija li hija xejn ħlief il-ġenna. Fil-qalb ta' din id-dija hemm it-Tielet Persuna tas-Santissima Trinità. Ħaġa stramba u li turi l-livell għoli tal-kreattività tal-artist hija dik il-biċċa drapp ħamra tperper mal-anġlu. Din id-drapp turi l-moviment tal-anġlu hekk kif daħal fil-kamra u sab ruħu quddiem Marija. L-anġlu qed jitkellem ma' dik li kellha tkun Omm Alla. Jinsab fl-aħħar tal-aħbar għax qed juri lill-Ispirtu s-Santu.

Il-kawdru fih bilanċ qawwi. Il-figura tal-Madonna tinsab isfel waqt dik tal-anġlu tinsab fuq il-parti ta' fuq. Biex isir bilanċ kull figura għandha qatta ta' anġli. B'hekk il-kwadru jinsab mimli daqs bajda bil-figuri. Fuq il-Madonna hemm qatta anġli waqt taħt l-anġlu hemm qatta oħra. Jekk l-inkwatru għandu bilanċ tant ieħor hemm l-effetti tad-dawl u l-ilma. Id-dawl jinsab ġej mis-sema. Dan id-dawl qed jinżel mis-sema u sejjer fuq Marija. Sew ir-ras ta' Marija u sew żaqqha jinsabu mimlija bid-dawl. Dan ifissru li l-Ispirtu s-Santu diġà niżel fuqha u l-miraklu diġà sar. Marija issa hija Omm Alla. F'dan id-dawl hemm ħammiema li hija s-simbolu tal-Ispirtu s-Santu. Naturalment is-simbolu tal-Lunzjata jinsab ukoll f'dan l-inkwatru. Dan hu l-ġilju abjad, is-simbolu tal-qalb u r-ruħ ta' dik il-mara li ser tkun Omm Alla, is-Salvatur tad-Dinja.

## Xogħol Cremona

Is-saqaf tal-korsija jinsab impitter minn wieħed li ħakem ix-xena artistika Maltija wara t-Tieni Gwerra Dinjija — Emvin Cremona. Din il-parti tas-saqaf juri tliet xeni marbutin mal-ħajja tal-Madonna. Naraw it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Hemm ukoll iż-żjara lil Santa Eliżabetta u anke l-Lunzjata. Fil-kappelluni hemm żewġ xeni, waħda f'kull kappellun. Waħda minnhom turi lit-tieġ ta' Kana u din tinsab fil-kappellun tas-Santissimu Sagrament u l-oħra turi lill-Adorazzjoni tal-Maġi li tinsab fil-kappellun ta' San Ġużepp. Fil-kwadretti iżgħar li jinsabu fil-ġnub jidhru l-appostli flimkien ma' nisa tat-Testment il-Qadim. Dawn it-tliet xeni jorbtu ma' żewġ xeni li jinsabu fil-kappelluni tal-knisja. Il-pittura tal-korsija ġiet inawgurata fl-1965 waqt dik tal-kappelluni ftit wara.

## Il-Lunzjata ta' Cremona

Dan ix-xogħol mhux l-uniku wieħed li għamel Cremona. Dan l-artist pitter diversi Lunzjati. Waħda minnhom tinsab fis-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. F'dan il-kwadru naraw lill-anġlu mimli movimenti. Hu qed iġorr il-ġilju f'idu. Biswit l-anġlu hemm purtiera. Din tinsab qed tinfetaħ bil-mod il-mod. Hija xejn ħlief is-simbolu tal-ħajja tal-bniedem. Wara d-dnub tan-nisel issa ser tibda s-salvazzjoni, il-pjan t'Alla għall-bniedem se jibda. Fuq il-Madonna hemm l-Ispirtu s-Santu. Dan se jinżel fuq il-Madonna biex isir il-bidu tal-pjan t'Alla, is-salvazzjoni tal-bniedem. Biswit il-Madonna hemm pjanta li fiha tliet fjuri bojod. Hemm ukoll biċċa drapp. Forsi hija biċċa drapp li darba kienet parti mill-purtiera. Issa li l-Madonna qalet iva lbieraħ kien parti mill-passat u issa beda kapitlu ġdid — wegħda t'Alla lill-umanità.

Il-kult tal-Lunzjata huwa qawwi f'din il-parroċċa. Iż-żewġ kwadri juru l-imgħoddi u l-preżent. Żewġ kwadri mill-aqwa b'simboli u moviment mill-aqwa. Dan kollu beda minn imħabba ta' żewġ persuni, forsi kienu Għaxqin – Andrea Agius u Ġużeppi Tabone. Min jaf il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq u l-kappillan ta' din il-parroċċa ma jitolbux l-awtorità postali ta' Malta biex dawn il-ħames biċċiet xogħol li ħoloq il-Kavallier Emvin Cremona jidhrux fuq xi sett bolol tal-Milied. B'hekk ikunu t-tieni sett bolol tal-Milied li juru xogħol ta' dan l-artist li tant ħadem biex isem Malta jogħla fil-qasam tal-filatelija.

**Referenza:**

Terribile T., *Teżori fil-Knejjes Maltin*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta 2008.